FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 20 ta' Mejju, 2002

**Avviz Nru:877/01PM**

**Dennis Zammit**

**Vs**

**Joseph u Sandra konugi Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attur talabv il-hlas ta' sitt mija u sitin Lira Maltin, Lm600, rapprezentanti bilanc wara self.

Ra d-dokumenti ezebiti;

Ra li l-konvenuti pprezentaw risposta fejn ikkontestaw it-talba attrici billi qalu li huma kieun rcevew biss hamaes minn Lira, Lm500, u

minn dan l-ammont ta’ Lm500 diga’ hallsu erba’ mija u erbghin Lira Maltin, Lm440;

Sema x-xhieda tal-partijiet u ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra li skond l-attur il-konvenuti hadu self ta’ elf Lira Maltin, Lm1000 u sussegwentement self iehor ta’ mitt Lira Maltin, Lm100 ohra. Minn dan l-ammont l-konvenuti hallsu erba’ mija u erbghin Lira Lm440.

Il-konvenuti qalu li ma kienux isselfu elf Lira l izda hames mitt Lira maltin, Lm500. cahdu li hadu mitt Lira, L:m100, ohra;

Illi n-nutar Charles Vella Zarb ikkonferma l-firma tieghu f’ dokument A, anness mal-avviz. In-Nutar Charles Vella Zarb ma ftakarx jekk il-flus ghaddew quddiemu.

Illi l-konvenuti ma cahdux li ircevew l-ittra tal-avukat ta’ l-attur datata 30 ta’ Awissu, 2001 u naqsu milli jipprezentaw kopja ta’ risposta;

Il-konvenut Jospeh Vella kkonferma li l-firma skrittura ta’ self fl-ammont ta’ elf Lira, Lm1000 izda ddikjara li tant kellu bzonn il-flus li ffirma li kien irceva elf Lira, Lm1000 mata fill-fatt irceva hames mija Lm500. Illi Sandra Vella ma kienetx prezenti meta Jospeph Vella irceva l-flus;

Illi kif inghasd fis-sentenza. “Anton Spiteri vs Alfred Borg (PA RCP 30 ta’ Novsmbri, 2000, “ ghalhekk hawn japplika l-principju stabilit fl-artikolu 1002 tal-Kap, fejn meta l-kliem ta’ konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta’ interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista’ tinghata biss sabiex telucida l-skrittura jew il-kuntratt f’ xi pArti incidentali jew accessorjka taghha (Carmelo Borg vs Bartolomew Xuereb Appell Civili 30 ta’ Marzu. 1997);

Illi dan huiwa konformi mal-principju *contra scriptum non est argumdentum* li jibqa’ japplika ssakemm ma’ tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha. Prova f’ din il-kawza ma ingabitx;

Illli fill-kawza, “Gloria Beacom et vs l-arkitett Inginier Civili Anthony Spiteri Stains” ( Appell Civili 5 ta’ Ottubru, 1998) gie ritenut li “l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa dak li l-vinkolu kontratwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta tal-kontraenti kif espressa fill-konvenvjoni li kellha tipprevali u trd tigi osservata. *Pacta sunt servanda;*

Illi dwar l-mitt Lira, Lm100, “mislufa f’ data ulterjruri “ ma hemmx xejn bill-miktub bejn il-partijiet. L-attur jghid li sellef mitt Lira ohra lill-konvenut li jichjad dan;

Illi l-attur ma gabx provi konvincenti dwar iss-elf ta' mitt Lira maltin, Lm100;

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici biss fla-mmont ta' hames mija u hamsin u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' hames mija unhamsin Lira Maltin, Lm550.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti. Bl-imghhax legali.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**